MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2004

Appell Civili Numru. 72/2001/1

**Paul u Doris konjugi Deguara**

**vs**

**Victor u Josephine konjugi Magro**

**Il-Qorti,**

Permezz ta' rikors prezentat fit-28 ta' April 2004 il-Qorti giet imsejha biex tiddeciedi talba tal-appellanti biex jigu awtorizzati jipproducu provi li l-fond meritu tal-kawza jappartjeni lill-Gvern ta' Malta u mhux lill-appellati.

L-appellati oggezzjonaw ghal din it-talba u ssottomettew permezz ta' risposta ntavolata fit-30 ta' April 2004 illi l-

appellanti kienu gja resqu eccezzjoni fl-istess sens tat-talba odjerna quddiem il-Bord, li huma aktar tard irtiraw, u dippju mhux minnu dak li issa qed jallegaw l-istess appellanti illi huma saru jafu bil-fatt allegat wara s-sentenza appellata.

Huwa stabbilit mill-Artikolu 208 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili li l-ligi tippermetti li jingiebu xhieda u provi fi grad ta' appell, li ma ngiebux fl-ewwel istanza, f'erba' kazi tassttivi, u cjoe:-

(a) meta l-parti kuntrarja taghti l-kunsens taghha; jew

(b) meta, bil-gurament jew b'mezzi ohra, jigi ppruvat li l-parti li trid iggib ix-xhieda ta' dak ix-xhud ma kienetx taf biha, jew ma setghetx, bil-mezzi li taghti l-ligi, iggib dak ix-xhud fil-qorti ta' l-ewwel grad; jew

(c) meta t-talba biex tingieb ix-xhieda ta' dak ix-xhud tkun saret u giet michuda quddiem il-qorti ta' l-ewwel grad, u l-qorti fi grad ta' appell tkun tal-fehma li dik ix-xhieda hija ammissibbli u rilevanti; jew

(d) meta l-qorti fi grad ta' appell hija tal-fehma li x-xhieda ta' dak ix-xhud hija mehtiega jew utli.

Dan premess, hu notat illi mill-bidunett tal-proceduri quddiem il-Bord l-appellanti kienu hemm eccepew illi r-rikorrenti Paul Deguara kellu primarjament jipprova t-titolu tieghu fuq il-fond in kwistjoni stante li huwa ma kienx is-sid u ghaldaqstant l-azzjoni hi sprovvista mill-interess guridiku. Kien ovvju allura li l-appellanti kienu konxji, sa mill-istadju bikri tal-procediment, illi l-appellati setghu ma kienux is-sidien tal-fond, u allura huma kellhom l-opportunita` li jutilizzaw il-mezzi kollha biex isostnu din id-difiza taghhom. Huma mhux biss ma ghamlux dan izda sahansitra ghaddew biex irtiraw din l-eccezzjoni. Ara verbal quddiem il-Bord tas-7 ta' Frar 2002 (fol 12).

Minn dan l-atteggjament taghhom il-Qorti ghandha ghax tahseb illi huma kienu konsapevoli wkoll tal-fatt illi l-kwestjoni li kienet ghall-attenzjoni tal-Bord ma kienetx

strettament tirrigwarda materja vertenti fuq il-proprjeta` tal-haga izda fuq ir-rapport lokatizju ta’ bejniethom u allura r-relazzjoni ta’ lokatur-konduttur fir-rigward tal-garage moghti in lokazzjoni. Hu fil-fatt rikonoxxut mill-istess appellanti (fol 17 u fol 37) illi l-garage krieh minghand l-appellat Paul Deguara, li kif mistqarr minn dan, bena l-istess garage (fol 8). Dment li dik ir-relazzjoni ma gietx skossata, rebus sic stantibus, l-appellat Paul Deguara kellu jibqa’ jitqies il-lokatur tal-fond, u allura jekk terzi jippretendu li huma l-veri sidien tieghu, dment li huma jibqghu passivi, din il-preteza taghhom hi ‘res inter alios acta’ ghar-rapport intervenut bejn il-partijiet li kkontrattaw il-kirja.

Premess is-suespost, din il-Qorti ma tarax li f’dan il-kaz jezistu cirkostanzi li jillegittimaw it-talba tal-appellanti jew li din il-Qorti tezercita d-diskrezzjoni taghha kif tista’ taghmel bis-subinciz (d) ta’ l-artikolu precitat tal-ligi. Dan anke ghaliex il-poter diskrezzjonali tal-Qorti ta’ revizjoni li tordna l-produzzjoni ta’ provi godda quddiemha ghandu, kif pacifikament akkolt, jigi ezercitat biss meta verament jirrikorru cirkostanzi eccezzjonali li jiggustifikaw l-ezercizzju tieghu (**Kollez. Vol. XXXVII pI p552**; **Vol XXXVI pI p125**).

Irid jizdied ukoll illi din il-Qorti ma ssibx lanqas li n-necessita` u utilita` tal-produzzjoni tal-prova mitluba nqalghet wara s-sentenza appellata. Dan in bazi ghall-konsiderazzjonijiet gja maghmula. Anke ghal din ir-raguni l-Qorti hi tal-fehma li ebda wiehed mill-erba` kazi mil-ligi prospettati ma jsib applikabilita` f’dan il-kaz.

Ritwalment, kien fil-mument li l-appellanti ssollevaw b’kontestazzjoni ghat-talba tal-appellati il-karenza tal-interess guridiku li huma kienu fid-doveri li jgibu l-prova li issa qed jinsistu li jgibu, nonostante li huma stess irtiraw dik l-istess kontestazzjoni fl-ewwel grad. Kif drabi ohra gie deciz in kwantu ghall-mument fokali tal-produzzjoni tal-prova “e` necessario rapportarsi all’istante nel quale fosse sorto in lui l’interesse di fare quella prova, indipendentemente dalla sua opinione individuale circa la rilevanza o l’efficacia della prova medesima, siccome le

leggi d'ordine pubblico non ammettono estensione o restrizione nella loro applicabilita` da motivi d'indole privata o singolare" (**Kollez Vol XXIV pI p237**). Ta' l-istess fehma, mod jew iehor, hi s-sentenza fl-ismijiet "**Avukat Dottor Henry sive Eric Mamo noe -vs- Joseph Muscat et**", Appell, 5 ta' Ottubru 1998.

Ghal dawn il-motivi t-talba ghall-produzzjoni tal-provi kif mitlub mill-intimati appellanti qed tigi respinta, u l-appell differit ghat-trattazzjoni fil-meritu. L-ispejjez ta' dan l-incident jibqa' a karigu ta' l-appellanti.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------